*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

21.1.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** **Petizzjoni 1098/2007, imressqa mis-Sur Juan Antonio Carrasco Ragel, ta' nazzjonalità Spanjola, f'isem Plataforma Por El Estudio Epidemologico, dwar it-tmexxija ta' studju epidemjoloġiku integrat għall-abitanti kemm tal-Kontea ta' Ġibiltà (Andalucia, Spanja) u kif ukoll ta' Ġibiltà (Ir-Renju Unit)**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qiegħed jitlob lill-Parlament Ewropew biex jgħin lill-abitanti tal-Kontea ta' Ġibiltà (Andalucia, Spanja) fl-isforzi tagħhom li jikkonvinċu lill-awtoritajiet Spanjoli rilevanti dwar il-ħtieġa li jikkoordinaw mal-awtoritajiet ta' Ġibiltà u jmexxu studju epidemjoloġiku integrat għaż-żona ta' Ġibiltà. Il-petizzjonant jispjega li r-residenti ta' Ġibiltà għandhom raġunijiet serji biex ikunu mħassba dwar saħħithom, billi ż-żona ser tkun imniġġsa b'mod qawwi minħabba l-industriji differenti li hemm fiha. Skont il-petizzjonant, kuntrarju għall-awtoritajiet Spanjoli, il-gvern ta' Ġibiltà għandu jkun dispost li jmexxi studju bħal dan fit-territorju tiegħu. Il-petizzjonant iqis li, sabiex ikun rilevanti, l-istudju għandu jinkludi lil Ġibiltà kollha kemm hi u jgħid li dawk kollha li jgħixu f'Ġibiltà huma intitolati li jkunu konxji tar-riskji tas-saħħa li huma esposti għalihom.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-14 ta' Marzu 2008. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fil-21 ta' Jannar 2010.

L-abitanti ta' Ġibiltà u ta' Campo de Gibraltar jemmnu li huma għandhom id-dritt għas-saħħa bħaż-żoni l-oħra ta' Andalucia u d-dritt li jkunu jafu għaliex hemmhekk il-persuni jmutu iktar kmieni minn żoni simili oħra. Il-leġiżlazzjoni rilevanti Ewropea, Spanjola, Brittanika u ta' Andalucia tagħtihom dan id-dritt, iżda l-korp pubbliku responsabbli jirrifjuta li jagħmel dan.


*Magħquda fid-diversità*

Il-Gvern ta' Ġibiltà huwa lest li jwettaq studju epidemjoloġiku dwar it-territorju tiegħu stess, iżda ovvjament dan għandu jitwettaq f'koordinazzjoni ma' dak tal-Gvern Reġjonali ta' Andalucia.

Għaldaqstant, il-petizzjonanti jitolbu biex tittieħed azzjoni urġenti jew kwalunkwe miżura oħra li hija kkunsidrata xierqa biex il-Gvern Reġjonali ta' Andalucia jwettaq studju epidemjoloġiku, f'koordinazzjoni mal-Gvern ta' Ġibiltà, li jkopri l-abitanti ta' Ġibiltà u ta' Campo de Gibraltar. Dan l-istudju għandu jkun indipendenti u għandu jistabbilixxi jekk ir-rati għoljin ta' mwiet tal-abitanti ta' din iż-żona humiex relatati jew le mal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma mill-industriji stabbiliti hemmhekk.

L-"*Atlas of mortality in small areas of Spain*"[1] (Atlas dwar ir-rata ta' mwiet fiż-żoni ż-żgħar ta' Spanja) ikkonferma li l-abitanti ta' Ġibiltà u ta' Campo de Gibraltar għandhom inċidenza għolja ta' mwiet, u li t-tul tal-ħajja mistenni huwa iqsar minn dak f'żoni oħra ta' Spanja. Il-"*Municipal Atlas of cancer mortality in Spain*"[2] (Atlas Muniċipali tar-rata ta' mwiet ikkawżati mill-kanser fi Spanja) juri li l-livelli tal-kanser fid-distrett ta' Campo de Gibraltar huma ħafna ogħla mill-medja għal Spanja. L-abitanti ta' din iż-żona juru rati ta' dħul l-isptar minħabba tumuri li huma ogħla mill-medja għal partijiet oħra ta' Andalucia[3].

Mis-sittinijiet 'l hawn, twaqqfu numru ta' industriji f'Campo de Gibraltar li minnhom joħroġu sustanzi perikolużi fl-arja, fl-ilma u fl-ambjent naturali, skont ir-rekords tal-EPER għall-2001-2005.

Il-Ministeru għall-Ambjent tal-Gvern Reġjonali ta' Andalucia inkariga lis-Centro Superior de Investigaciones Científicas de España b'numru ta' studji għall-Pjan dwar il-Kwalità Ambjentali biex jagħmel dijanjożi ambjentali ta' dan id-distrett. Dan l-istudju kkonkluda li *"Huwa rrakkomandat li jitwettaq studju epidemjoloġiku f'Campo de Gibraltar u b'mod speċjali fi Puente Mayorga."*

Tressqu 13 000 firma lill-presidenza tal-Gvern Reġjonali ta' Andalucia biex jintalab studju epidemjoloġiku indipendenti għall-abitanti ta' Campo de Gibraltar li jistabbilixxi b'mod ċar jekk l-emissjoni ta' prodotti mill-industriji stabbiliti għandhiex x'taqsam mar-rati għoljin ta' mwiet u tumuri li jeżistu f'dan ir-reġjun jew le. Il-Gvern Reġjonali ta' Andalucia, permezz tal-Ministeru tas-Saħħa tiegħu, irrifjuta li jwettaq dan l-istudju ġenerali.

Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010[4] jenfasizza li biex wieħed jifhem u jittratta l-problemi tas-saħħa relatati mal-ambjent, dan jirrikjedi koperazzjoni fit-tul bejn bosta atturi: il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, il-komunitajiet ambjentali, tas-saħħa u tar-riċerka, l-industrija, l-agrikoltura u l-partijiet interessati. Dawn l-atturi kollha bejniethom għandhom responsabilità biex isir progress f'dan il-qasam kumpless.

Il-Kummissjoni diġà identifikat esponiment sistematiku tal-pubbliku f'dik iż-żona għal livelli eċċessivi ta' tniġġis tal-arja kif irregolat skont id-Direttiva 1999/30/KE[5] u d-Direttiva l-ġdida 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa[6]. Dan jenfasizza l-importanza li wieħed jifhem tajjeb is-sitwazzjoni lokali tat-tniġġis u r-riskju tas-saħħa assoċjat

[1] Universidad Pompeu Fabra de Barcelona
[2] Il-Ministeru Spanjol tas-Saħħa
[3] Studju minn Dr Dávila mwettaq fl-Isptar ta' Punta de Europa de Algeciras
[4] COM(2004) 416 finali adottata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2004
[5] ĠU L163, 29.6.1999
[6] ĠU L152, 11.6.2008; id-Direttiva 2008/50/KE se tirrevoka d-Direttiva 1999/30/KE minn Ġunju 2010.

miegħu biex tittieħed azzjoni adegwata kif tirrikjedi d-Direttiva. F'Jannar 2009, Spanja rċeviet Ittra ta' Avviż Formali talli kotinwament taqbeż il-valur ta' limitu ta' kuljum u dawk annwali għall-materja f'partikuli tal-$PM_{10}$ li daħlu fis-seħħ fl-2005. Attwalment, il-Kummissjoni qed tieħu passi ulterjuri biex tinforza l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-kwalità tal-arja fiż-żona.

L-Istati Membri għandhom ir-responsabilità għar-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ – billi huma aspett fundamentali tal-punt fejn jiltaqgħu l-ambjent u s-saħħa – u għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' monitoraġġ u tal-immaniġġjar tar-riskji. L-Istati Membri għandhom rwol ċentrali wkoll biex jiżguraw li r-riżultati miksuba fuq il-livell nazzjonali jiddaħħlu f'diskussjonijiet f'livell tal-UE (Forum Konsultattiv dwar l-Ambjent u s-Saħħa) u biex ixerrdu l-informazzjoni tal-UE f'livell nazzjonali u lokali.

Konklużjonijiet

M'hemm l-ebda obbligu legali li jitwettqu studji epidemjoloġiċi. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tinnota li skont il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010[1] biex wieħed jifhem u jittratta l-problemi tas-saħħa relatati mal-ambjent, tinħtieġ koperazzjoni fit-tul bejn bosta atturi: il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, il-komunitajiet ambjentali, tas-saħħa u tar-riċerka, l-industrija, l-agrikoltura u l-partijiet interessati. Dawn l-atturi kollha bejniethom għandhom responsabilità biex isir progress f'dan il-qasam kumpless.

[1] COM(2004) 416 finali adottata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2004